**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 5 ta' April, 2016

Rikors Guramentat numru : 33/11 AL

**A B f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri X u N ahwa B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-tmienja (8) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u sebgha u disghin (1997) (Dok A) u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal cioe X, imwieled fis-sbatax (17) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u disghin (1998) (Dok B) u N, imwielda fl-Ingilterra fid-29 ta' Mejju tas-sena elfejn u wiehed (2001) (Dok C);
2. Illi l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba aduterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-konvenut kontra l-esponenti u/jew

minhabba li l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment;

3. Illi ma hemmx lok ta' rikonciljazzjoni u l-esponenti giet debitament awtorizzata biex tipprocedi f'din l-istanza skont kif jirrizulta mill-Ness Digriet Dok D;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B ghar-ragunijiet imputabbli lill-konvenut ta' adulterju, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi kontra l-esponenti kif fuq premess, u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabbilment;
2) Taffidalha l-kura u kustodja tal-minuri X u N ahwa B u tiehu dawk il-provvedimenti kollha opportuni dwar access fl-ahjar interess tal-minuri;
3) Tiffissa retta alimentarja ghaliha u ghall-minuri imsemmija u tordna lill-konvenut sabiex ihallasha dik ir-retta hekk stabbilita ghaliha u ghal uliedhom minuri skont il-Ligi inkluz bl-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 54 sub-incisi (3)(4)(5)(6) u (7) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta li tigi assenjata beni imobbli in pjena proprjeta a saldu tad-dritt taghha ghall-manteniment in toto jew in parti);
4) TikkundNa lill-konvenut sabiex jhallas lill-attrici l-arretrati kollha minnu dovuti ghall-manteniment tal-wild minuri jew jirrifondilha sehemu mill-ispejjez minnha inkorsi minn data li ghandha tigi stabbilita minn din il-Qorti, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;
5) Tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg portzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala id-data meta l-konvenut jigi ikkunsidrat li ikun hati tal-firda b'tali mod li l-konvenut jitlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-attrici skont il-Ligi, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

6) Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 48 sa 52 tal-Kodici Civili (Kap. 16 1984 Ed. Tal-Ligijiet ta' Malta);
7) Tordna lill-konvenut sabiex jhallas jew jikkonseja lill-attrici skont il-kaz il-krediti u proprjeta parafernali taghha;
8) Tawtorizza lill-attrici tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut cioe il-fond bl-isem Villa Tamarisk, 12 Triq il-Gardell, Kappara;

Bl-ispejjez – inkluzi dawk tal-proceduri kollha inkorsi quddiem din il-Qorti waqt il-medjazzjoni – kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li in forza taghha eccepixxa :

1. Illi l-esponent jaqbel illi ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, b'dana illi tali pronunzjament ghandu jsir ghal ragunijiet imputabbli unikament lill-attrici, kif ser jigi premess u mitlub fil-kontrotalba Nessa mar-risposta odjerna.

2. Illi l-esponent jopponi t-tieni talba attrici, billi ma tezisti ebda raguni ghalfejn l-awtorita` tal-kontendenti, u kif ukoll il-kura u l-kustodja tat-tfal minuri tal-kontendenti, ma ghandhiex tigi fdata b'mod kongunt lill-kontendenti, bl-istess modalita` ta' access ezistenti llum.

3. Illi l-attrici ghandha l-mezzi u l-ħila necessarja sabiex tezegwixxi l-obbligu taghha illi taħdem sabiex tmantni lilha nfisha u li tikkontribwixxi għall-ħtiġiet tal-familja u tal-minuri. Huwa f'dan is-sens illi t-tielet talba attrici qed tigi opposta mill-esponent, illi dejjem ikkontribwixxa ghall-bzonnijiet tal-ulied minuri.

4. Illi ghall-istess ragunijiet hawn fuq premessi, ir-raba` talba attrici hija wkoll opposta, apparti li tali talba, kif dedotta, ma hijiex kontemplata fil-ligi.

5. Illi l-esponent jaqbel illi ghandha tigi dikjarata xjolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u li l-assi, kif ukoll id-djun, formanti parti mill-istess komunjoni, ghandhom jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati, wahda lill-attrici u wahda lill-esponent - b'dana illi l-esponent ma jaqbilx mal-bqija tal-hames talba attrici, billi s-sanzjonijiet mitluba fl-istess talba ghandhom jigu applikati unikament fil-konfront tal-attrici, kif ser jigi premess u mitlub fil-kontrotalba Nessa mar-risposta odjerna.

6. Illi s-sitt talba attrici timmerita illi tigi michuda interament, billi bbazata fuq premessi infondati u bla bazi.

7. Illi s-seba` talba attrici ukoll timmerita illi tigi michuda interament, billi l-attrici ma ghandha l-ebda krediti kontra l-komunjoni ossija proprjeta` parafernali fl-assi tal-komunjoni.

8. Illi t-tmien talba attrici hija kkontestata mill-esponent, billi tali talba hija intiza biss sabiex l-esponent jigi ingustament negat mid-dritt tieghu – bhala koproprjetajru tad-dar matrimonjali - illi jgawdi d-dar matrimonjali, jew mir-rikavat tal-bejgh taghha, b'mod ugwali mal-attrivi – u dan f'cirkostanzi fejn jezistu assi bizzejjed fil-komunjoni sabiex kull wiehed u wahda mill-kontendenti ikollhom fejn jabitaw liberament fi proprjeta` illi tigi assenjata esklussivament lil kull wiehed u wahda minnhom rispettivament, minghajr hadd mill-kontendenti ma jbati xi pregudizzju bla bzonn, kif mitlub mill-attrici f'din it-talba.

9. Salv eccezzjonijiet ohra illi jistghu jirrizultaw necessarji wara li jigi amplifikati l-premessi attrici ossija r-ragunijiet illi fuqhom huma bbazati t-talbiet attrici.

10. Illi l-ispejjez tal-proceduri odjerni, inkluzi dawk konnessi mal-procedura ta' medjazzjoni li pprecedew din l-istanza, ghandhom jigu sofferti unikament mill-attrici.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut, li permezz taghha ippremetta :

1. Illi l-kontendenti zzewwgu f'Malta fit-tmienja (8) ta' Novembru 1997, u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt itfal

minuri, u cjoe` X B, li twieled fis-17 ta' Dicembru 1998, u N B, li twieldet fid-29 ta' Mejju 2001;

2. Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti ma ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-attrici rrendiet ruhha hatja lejn zewgha l-esponent ta' adulterju, sevizzji, eccessi, theddid, minacci u ngurji gravi, kif ukoll minhabba ragunijiet ohra li huma sufficjenti fil-ligi, fosthom li z-zwieg tkisser irremedjabbilment, sabiex jiggustifikaw il-pronunzjament tas-separazzjoni personali bejn il-kontendenti, u li ghalihom tahti unikament l-attrici.

3. Illi ma hemmx lok ta' rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti billi, ghalkemm l-esponent ghamel kull sforz sabiex isalva dan iz-zwieg, huwa sab oppozizzjoni bierda mill-attrici illi wriet bic-car illi l-uniku hsieb taghha kien biss illi tottjeni l-liberta` taghha minn mal-esponent.

4. Illi l-access tal-kontendenti rispettivi ghall-ulied minuri gja` jinsab regolat bejniethom sa mis-Sajf li ghadda, a bazi ta' ftehim milhuq waqt il-proceduri ta' medjazzjoni quddiem il-medjatrici Dr Barbara O'Brien, fis-sens illi, f'gimgha wahda l-istess minuri iqattghu mill-Hadd filghaxija sal-Hamis filghodu mal-omm, u mill-Hamis wara l-iskola sas-Sibt tard filghodu mal-esponent; filwaqt illi l-gimgha ta' wara, il-minuri iqattghu mis-Sibt tard filghodu sal-Hamis filghodu mal-omm u mill-Hamis wara l-iskola sal-Hadd filghaxija mal-esponent. Fil-granet meta t-tfal ma jkollhomx skola, l-access huwa regolat bl-istess mod hawn fuq deskritt, salv illi fl-ewwel gimgha l-istess minuri ikunu mal-esponent sa mill-Erbgha (minflok il-Hamis). Dan l-arrangament intlahaq fl-ahjar interess tal-minuri u ghalhekk hija l-umli fehma tal-esponent illi ma hemm l-ebda raguni li tista` tiggustifika xi varjazzjoni ghal dan l-access, jew ghal mod kif il-kura u l-kustodja tal-minuri tinsab fdata b'mod kongunt bejn il-kontendenti, minghajr ma jigu pregudikati l-interessi tal-minuri.

5. Illi l-attrici ghandha l-mezzi u l-ħila necessarja sabiex tezegwixxi l-obbligu taghha illi taħdem sabiex tmantni lilha nfisha u li tikkontribwixxi għall-ħtiġiet tal-familja u tal-minuri.

6. Illi l-esponent ghandu kreditu sostanzjali fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi, kif ser jigi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tal-proceduri odjerni.

Talab li l-attrici tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi u prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna :

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-konjugi B minhabba r-ragunijiet hawn fuq imsemmija, bi htija esklussiva w unika tal-attrici;

2. taffida l-kura u kustodja tal-ulied minuri b'mod kongunt liz-zewg kontendenti, bl-access ghall-minuri jibqa` regolat bejn il-kontendenti kif hawn fuq premess, ossija b'dik il-modalita` illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun;

3. tikkundNa lill-attrici sabiex tikkontribwixxi, ghall-imsemmija minuri, dik ir-retta alimentarja dovuta skond il-ligi, f'dik is-somma illi tidher xierqa lil dina l-Onorabbli Qorti, b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment sew ghall-ispejjez kollha konnessi mal-edukazzjoni u s-sahha tal-minuri u sew ghaz-zieda perjodika biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, li joghgobha tipprefiggi dina l-Onorabbli Qorti;

4. tapplika kontra l-attrici fl-intier taghhom jew in parte, l-effetti tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 48 sa 55A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, inkluz li l-attrici iddekadiet mid-drittijiet ta' successjoni fil-konfront ta' zewgha l-esponent;

5. tiddikjara illi l-esponent konvenut igawdi kreditu fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B, f'dik is-somma illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u konsegewentement tassenja lill-istess esponent konvenut somma jew assi ekwivalenti ghall-kreditu hekk likwidat mill-assi tal-komunjoni, ossija tikkundNa lill-attrici illi thallas dak il-kreditu hekk likwidat lill-konvenut;

6. tittermina u tiddikjara xjolta l-komunjoni tal-akkwisti u kull kommunjoni ta' propjeta' ezistenti bejn il-kontendenti, u u tillikwida l-assi u d-djun kollha

appartenenti lill-konjugi, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, billi, wara li tintlaqa` t-talba konvenuta minnufih precedent, tiddividiha f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabbilit minn dina l-Qorti in vista, 'inter alia', tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess kommunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess attrici ghandha tkun kunsidrata hatja tal-firda, u ope sententiam tassenja u tikkonsenja porzjoni lill-attrici u porzjoni ohra lill-konvenut, ossija jekk inhu l-kaz tinnomina Nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-attrici fl-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

7. tikkundNa lill-attrici sabiex tikkonsenja lill-konvenut dawk l-assi parafernali tieghu u l-assi li talvolta jigu assenjati lilhu fit-termini tat-talba precedenti, u li jinsabu fil-pussess taghha jew altrimenti huma goduti minnha, u dan fit-terminu li joghogbha tipprefiggi l-istess Onorabbli Qorti ghal dan l-iskop;

Bl-ispejjez, inkluzi fl-ispejjez dawk tal-procedura quddiem il-medjatur, kontra l-attrici li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonanti;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' April, 2015;

Rat in-nota ta' C B li permezz taghha ipprezenta l-affidavit tieghu;

Rat in-nota tal-partijiet tas-16 ta' Marzu 2016 li permezz taghha l-attrici cediet it-talbiet taghha, hlief ghall-ewwel talba u l-konvenut ceda l-kontro-talbiet tieghu, hlief ghall-ewwel talba tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B  u 66F tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi C B irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati mid-19 ta' April 2011;

Illi C B ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa l-ewwel talba attrici u l-ewwel kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talbiet l-ohra tal-attrici u tat-talbiet l-ohra tal-konvenut rikonvenzjonanti.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.